**Dr. Ryan C. Pace LL.B., LL.D.**

A D V O C A T E

ryan_pace@hotmail.co.uk

RECEIVED
05 MAR 2026
PUBLIC CONTRACTS REVIEW BOARD

5 ta' Marzu, 2026

Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi
info.pcrb@gov.mt

**RE: CT2072/2025 – Framework Contract for the Provision of Shuttle Services in an Environmentally Friendly Manner between the Floriana Park and Ride and Valletta**

Nikteb għan-nom tas-soċjetà Orange Trips Ltd [C-86528] ta' 57, Amber, Triq Turu Rizzo, Gżira, bi tweġiba għall-oġġezzjoni nterposta mill-konsorzju COOP AIL JV nhar it-23 ta' Frar 2026 in konnessjoni mas-sejħa hawn fuq ċitata.

Illi d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali (Kuntratti) datata 13 ta' Frar 2026, u li dwarha COOP AIL JV ressaq l-oġġezzjoni tiegħu, hi ġusta u korretta u għalhekk timmerita konferma.

Illi l-oġġezzjoni ta' COOP AIL JV għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu billi, kif ser jiġi mfisser f'din ir-risposta, hija msawwra kollha kemm hi fuq aggravji palesament infondati.

**Dwar it-talba għall-informazzjoni**

Dwar dan l-ilment, l-esponenti ftit għandha x'tikkummenta. Mill-oġġezzjoni nnifisha, u allura sa fejn għandha viżibilità Orange Trips Ltd, mhuwiex ċar jekk il-konsorzju appellant huwiex jilmenta għaliex l-awtorità kontraenti ma weġbitx għat-talba għall-informazzjoni li jgħid li għamel, jew jekk hux għaliex mhuwiex sodisfatt bit-tweġiba li seta' ngħata mill-awtorità kontraenti għat-talba għall-informazzjoni li jgħid li għamel.

Li hu ċert u żgur, però, hu li l-ilment ta' COOP AIL JV li l-awtorità kontraenti, bl-allegat aġir tagħha, aġixxiet bi ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali, inkluż fosthom il-prinċipju tal-*equality of arms*, ma għandu assolutament l-ebda siwi. Daqstant ieħor mhuwiex siewi l-ilment tal-konsorzju li sofra xi preġudizzju. Kull kif, mingħajr l-otteniment tal-informazzjoni li tant jgħid kienet meħtieġa, il-konsorzju appellant mhux talli kien f'qagħda li jressaq oġġezzjoni, talli addirittura kien f'qagħda li jressaq oġġezzjoni mill-aktar dettaljata. B'hekk, hu ovvju li r-rimedju ta' appell ta' COOP AIL JV ma ġie mxekkel bl-ebda mod.

Illi terġa' u tgħid, l-anqas tagħmel sens ir-riferenza li jagħmel il-konsorzju appellant għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell, fis-sede Superjuri tagħha, fil-każ *South Lease Limited v. Central Procurement and Supplies Unit et.* Fil-każ ta' *South Lease Limited*, **kif jikkonferma l-appellant stess fil-bran minnu ċitat**, kien il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi (u mhux id-Direttur Ġenerali [Kuntratti]), **waqt proċeduri ta' appell**, li rrifjuta (skont il-Qorti tal-Appell b'mod żbaljat) l-għotja ta' informazzjoni li, fil-fehma tiegħu, kienet kummerċjalment sensittiva. L-istadju li fih kien l-appellant fil-mument li allegatament ressaq it-talba għall-informazzjoni fil-każ ta' llum jippreċedi proċeduri ta' appell (bħall-każ ta' *South Lease Limited*) u allura l-awtorità kontraenti u/jew id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) ma setax ħlief jilqa' għal dik it-talba in ottemperenza mar-Regolament 40 tar-Regolamenti, li jivvjetah milli jiżvela informazzjoni ta' natura kunfidenzjali.

F'kull każ, i) jekk tabilħaqq saret talba; u ii) jekk ngħatat xi xorta jew oħra ta' risposta; l-esponenti, fil-vesti tagħha ta' parti nteressata, m'għandhiex tkompli titħalla fil-għama u għandha tingħata kopja tad-dokumentazzjoni sħiħa qabel it-tkomplija ta' dawn il-proċeduri.

**Dwar l-allegata konformità teknika ta' COOP AIL JV**

Il-konsorzju appellant jinsisti, b'mod forzuż għandu jingħad, illi l-offerta tiegħu, mil-lat tekniku, hija pjenament konformi ma' dak li ried u talab id-dokument tas-sejħa. Jilmenta illi l-esklużjoni tiegħu hi *"the result of an unnecessary and excessive adherence to formality"* u li esklużjoni mnissla min-nuqqas ta' sottomissjoni ta' dokument (f'dan il-każ, kwestjonarju) – li COOP AIL JV konvenjentement jirriduċieh għal *"a mere checklist"* – *"appears more directed toward eliminating competition, than fostering it."*

Tajjeb li wieħed jifhem hawnhekk eżattament x'qed jingħad. Fil-fatt, il-konsorzju mkien mhu jgħid li l-kwestjonarju ma ntalabx b'mod speċifiku fid-dokument tas-sejħa; imkien mhu jgħid li l-Kumitat Evalwattiv, u/jew d-Direttur Ġenerali (Kuntratti) warajh, aġixxa bi ksur tal-prinċipju sagrosant tas-*self limitation* billi talab dokumentazzjoni, jew straħ fuq dokumentazzjoni, li ma tirriżultax meħtieġa mid-dokument tas-sejħa. L-appellant, meta tagħsar l-argumenti tiegħu, qiegħed jilmenta mill-fatt li l-awtorità kontraenti ma kinetx flessibbli fil-mod li ħaddmet id-dokument tas-sejħa relattiv u saħansitra segwietu (tant li hu stess juża l-kelma *"adherence"*) *ad litteram*. Għad li tinstema' assurda, id-dnub tal-awtorità kontraenti, **naturalment dejjem skont l-appellant**, mhux tant għax għamlet xi ħaġa li ma messhiex imma għax għamlet dak li kien jispetta lilha tagħmel!

COOP AIL JV, f'din il-parti tal-oġġezzjoni tiegħu, jagħti rendikont ta' dak kollu sottomess minnu u jargumenta illi din l-informazzjoni kollha, ladarba provduta, tinnewtralizza l-ħtieġa li jiġi sottomess *Technical Offer Questionnaire*. Imma l-esponenti tistaqsi: Il-konsorzju mnejn sa fejn għandu s-setgħa jiddeċiedi hu x'inhu

meħtieġ u x'mhux? Mnejn sa fejn jiddeċiedi hu x'inhu bizzejjed u x'mhux? Bis-sottomissjoni tal-offerta tiegħu, l-appellant ġie li qabel ma', u aċċetta, it-termini u kundizzjonijiet kollha kif imfissra fid-dokument tas-sejħa. Intant, id-dokument tas-sejħa mhux talli ma jgħidx li t-*Technical Offer Questionnaire* mhux meħtieġ (jew jista' jiġi sostitwit b'xi dokument ieħor), talli saħansitra jippuntwalizza l-importanza massima li jġorr dan id-dokument. Fil-fatt, klawsola 5 (C) (i) tippreskrivi testwalment dan li ġej:

*The Tenderer's Technical Offer **shall** include the following:*

1. *A filled in **Technical Offer Questionnaire** Form.* (Note 3)

Jimposta kif jimposta l-argumenti tiegħu l-appellant, allura, jibqa' l-fatt illi **skont id-dokument tas-sejħa** li għalih issottoskriva l-istess appellant, l-ebda offerta teknika ma tista' titqies bħala tali **jekk ma tinkludix** "[a] *filled in Technical Offer Questionnaire Form."* B'hekk isegwi illi huwa għal kollox immaterjali li COOP AIL JV issottometta *"self-declaration"* jew illi *"all the required information and confirmations were clearly retrievable within other sections of COOP AIL's offer."* Ladarba d-dokument tas-sejħa esiġa (*"shall"*) s-sottomissjoni ta' *Technical Offer Questionnaire Form* sabiex offerta teknika titqies kompluta, l-oblaturi kellhom **l-obbligu (u mhux l-għażla)** illi jissottomettuh. U billi din il-parti relattiva hija mmarkata bħala *Note 3*, u għalhekk "[n]*o rectifications shall be allowed"*, in-nuqqas tal-konsorzju appellant li jissottometti dokument **speċifikatament mitlub** hija mankanza materjali, li ma tistax tissewwa u li għandha twassal, kif ġustament wasslet, għall-esklużjoni tal-appellant.

Għad li f'ċirkostanżi differenti, l-esponenti jidhrilha illi hawnhekk japplikaw bis-sħiħ il-pronunzjamenti tal-Qorti tal-Appell f'Appell Numru 542/22/1 fl-ismijiet *Fremond Limited (C-20339) v. L-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qorti u Dipartiment tal-Kuntratti* (deċiża fl-20 ta' Marzu 2023), *ossia*:

> *9. Fir-rigward tat-tieni aggravju, hawn ukoll id-dokumenti tas-sejħa riedu dak li jissejjaħ a Gantt Chart fejn jiġi propost kif se jaslu l-vetturi Malta fuq perjodu ta' għaxar xhur. Din ma ġietx ippreżentata mis-soċjetà appellanti. L-offerta ta' din is-soċjetà kienet tagħti xi forma ta' indikazzjoni ta' meta kellhom jaslu l-vetturi, iżda ma ressqitx Gantt Chart kif kien espressament mitlub.* ***Meta d-dokumenti tas-sejħa jitolbu xi ħaġa speċifika din trid tingħata, u mhux tiġi ppreżentata xi ħaġa oħra li, forsi, tista' taqdi l-istess funzjoni.***
>
> *10.* ***Hawn ukoll, il-preżentazzjoni taċ-Chart* [fil-każ ta' llum it-*Technical Offer Questionnaire*] *kienet mandatorja u r-rikjesta kienet parti minn Note 3 aktar qabel imsemmi, u għalhekk, l-awtorità kontraenti ma setgħetx titlob rettifika.*** *Id-dokumenti mhux iffirmati li annettiet is-soċjetà appellata mal-informazzjoni li tat, setgħu jiġu ffirmati aktar 'il quddiem (ara*

*"Executive Security Services Ltd. v. Aġenzija għas-Sistema tal-Infurzar Lokali et" deċiza minn din il-Qorti fis-26 ta' Ottubru 2022), iżda dak mitlub kellu jiġi prodott.* ***Mhux każ li l-awtorità kontraenti titlob li jinġiebu d-dokumenti t-"tajba", għax mhux kompitu tal-awtorità li titlob hi d-dokumenti. Id-dokumenti tas-sejħa kienu ċari x'għandu jiġi ppreżentat, u kull oblatur irid isegwi l-istruzzjonijiet mogħtija u mhux jistenna li l-awtorità tagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet tiegħu.***

Terġa' u tgħid, meta wieħed imbagħad jagħti ħarsa lejn id-dokument innifsu li pprovdiet l-awtorità kontraenti għall-mili, ma jistax ħlief ikompli jiġi kkonfermat kemm is-sottomissjoni tiegħu kienet element ċentrali fl-offerta teknika. Dan għaliex, fid-dokument stess, *ossia* fit-*Technical Offer Questionnaire*, hemm imfisser dan li ġej:

***The Technical Offer shall consist of the following:***

1) ***Submission of Technical Offer Questionnaire*** *(Note 3) as per Form marked Technical Questionnaire attached hereto.*

*[...]*

***Tenderers that fail to complete and upload the requested information will be deemed as non-compliant and will not be considered further for final adjudication.*** *The information provided below shall not be subject to rectifications.*

Mela fid-dokument (*Technical Offer Questionnaire*) innifsu li pprovdiet l-awtorità kontraenti, mhux biss reġa' hemm riaffermat li **ebda offerta teknika ma tista' titqies kompluta mingħajr *Technical Offer Questionnaire*** iżda saħansitra jingħad ukoll illi dawk **l-oblaturi li jonqsu milli jimlew u jissottomettu *"the requested information"*, jiġu meqjusa teknikament mhux konformi.** L-appellant jargumenta, f'tentattiv dgħajjef li jinnewtralizza in-nuqqas materjali tiegħu, li b'*"the requested information"*, l-awtorità kontraenti ma ridetx tfisser "the Technical Offer Questionnaire". L-esponenti ma taqbilx għaliex kif tifhimha hi, u kif jidher li fehmuha l-kumplament tal-oblaturi b'eċċezzjoni għall-konsorzju appellant, *"the requested information"*, ladarba formanti parti mid-dokument tat-*Technical Offer Questionnaire*, ma tistax ħlief tirreferi għat-*Technical Offer Questionnaire*. B'hekk, skont il-prinċipju magħruf sewwa fil-ġurisprudenza nostrana li l-iskwalifika tal-offerti għandha ssir biss għar-raġunijiet li jissemmew fid-dokument tas-sejħa (*vide* fost l-oħrajn *X Clean Limited v. Id-Dipartiment tal-Kuntratti et*, deċiża fil-11 ta' Novembru 2025), l-esponenti jidhrilha li l-awtorità kontraenti ma kellhiex triq oħra għajr li teskludi l-offerta tal-appellant.

L-anqas ma hi f'lokha, fil-fehma tal-esponenti, ir-riferenza li għamel l-appellant għall-ġurisprudenza fl-oġġezzjoni tiegħu b'rabta mat-tħaddim tal-prinċipju tal-

proporzjonalità. Il-każ li għandu quddiemu llum dan l-Onorabbli Bord mhux każ fejn ma ngħatax **xi** tagħrif (bħall-każijiet li semma' l-appellant). Il-każ li għandu l-Bord quddiemu llum huwa każ fejn id-dokument (it-*Technical Offer Questionnaire*) li, <u>skont id-dokument tas-sejħa</u>, jikkostitwixxi (*"shall"*) l-offerta teknika nnifisha, **ma ġiex sottomess/ġie eskluż mill-offerta**. Li kieku kellha tiġi abbraċċjata t-teżi tal-appellant, il-prinċipju tal-proporzjonalità jispiċċa jisfa abbużat fis-sens illi jibda jiġġebbed biex jakkomoda u jgħatti nuqqasijiet (kbar u żgħar, nuqqasijiet jibqgħu) ta' oblaturi fil-proċess tat-tħejjija tal-offerti tagħhom tant li nwasslu lilna nfusna fl-assurdità li dokument tas-sejħa ma jibdiex jiswa' l-karta li fuqha jiġi stampat.

**<u>Dwar l-allegazzjoni li l-esponenti hi fi ksur tal-*eligibility criteria*</u>**

B'mod preliminari, l-esponenti tinnota b'interess illi filwaqt li l-appellant qed iqanqal dan l-'aggravju' u jixli lilha u lil soċjetà terza b'aġir mill-aktar deplorabbli, fl-istess waqt, COOP AIL JV ma jressaq lill-Bord ebda talba li tikkorrispondi ma' dan l-istess 'aggravju'. Din mhix koinċidenza jew żvista.

Bl-akbar responsabilità, l-esponenti tissottometti illi dan l-'aggravju', jekk tista' ssejjaħlu hekk, mhu xejn għajr tentattiv iddisprat, imma fl-istess waqt pre-avviż, da parti tal-appellant li bih qed iwissi li jekk mhux se jkun hu, <u>bħal donnu b'xi dritt divin</u>, li jiġi rakkomandat l-għoti ta' dan il-kuntratt, mela allura ser jagħmel l-isforzi kollha possibbli biex itappan il-proċess u jitfa' dubju fuq il-leġittimità tiegħu. Huwa tassew ta' għajb li l-appellant, biex mingħalih jaljena mid-defiċjenzi tiegħu fit-tħejjija tal-offerta sottomessa minnu, jasal jalludi li l-esponenti wettqet kollużjoni u *bid rigging*.

L-allegazzjonijiet li saru, jew aħjar il-konġetturi li saru, huma msejsa lkoll kemm huma fuq skorta sħiħa ta' preżunzjonijiet li, anke meta magħdudin flimkien, ma jistgħu qatt jikkostitwixxu prova. L-allegazzjoni tal-kollużjoni u ta' *bid rigging*, l-appellant jagħmilha għax **<u>skontu</u>** "[t]*he overlapping ownership structures, shared directorships, common company secretary, and identical registered address demonstrate a level of operational and managerial integration incompatible with genuine independence."* L-appellant saħansitra **<u>jammetti</u>** li "[...] *it is reasonable to* ***<u>infer</u>***", u allura illi qed **<u>jippreżumi</u>**!

Minn mindu 'l hawn, tistaqsi l-esponenti, iddisponejna mill-prinċipju bażilari tas-*separate and distinct legal personality* biex żewġ kumpaniji spiċċaw jitqiesu daqs li kieku huma *one and the same*? B'liema mod, u minn mindu 'l hawn, żewġ operaturi ekonomiċi separati u distinti (<u>u mhux operatur ekonomiku wieħed identiku</u>) għandhom restrizzjonijiet dwar il-parteċipazzjoni tagħhom f'sejħa? Għax mir-regoli ġenerali li jigvernaw is-sejħa għall-offerti ma jirriżulta xejn minn dan!

U l-allegazzjonijiet ta' kollużjoni u *bid rigging* abbażi ta' liema prova reġina eżattament qegħdin jitressqu? X'manipulazzjoni qed jgħid li kien hemm il-konsorzju appellant? Għaliex żgur ma jistax jingħad li l-prezz li offriet l-esponenti (bħall-

kumplament tal-oblaturi wara kollox) huwa wieħed artifiċjalment għoli, partikolarment fid-dawl tal-fatt li l-*estimated procurement value* ta' din is-sejħa kien €900,000 (VAT eskluża).

Biex qatt tirriżulta veritiera (**li mhix**) l-allegazzjoni ta' kollużjoni u/jew *bid rigging*, skont it-tifsira li tagħti l-Kummissjoni Ewropeja, irid jirriżulta – lil hinn minn kull dubju u mhux abbażi ta' għadd ta' preżunzjonijiet bla bażi – xi xorta jew oħra ta' ftehim u/jew kordinament kummerċjali strateġiku bejn żewġ operaturi ekonomiċi (jew aktar) li l-għan ewlieni tagħhom huwa li jnaffru l-kompetizzjoni. L-esponenti la għandha, **u la qatt kellha**, ebda ftehim ta' din ix-xorta la mas-soċjetà Executive Transport Ltd u anqas ma ebda soċjetà oħra u għalhekk kull dikjarazzjoni minnha magħmula hija valida u veritiera u ma teżisti **assolutament l-ebda** raġuni għala l-offerta tagħha għandha titwarrab. Dan aktar u aktar meta, kuntrarjament għall-offerta tal-konsorzju appellant, l-offerta tagħha hija teknikament konformi.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn fuq imfissra, l-oġġezzjoni tal-konsorzju COOP AIL JV għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu, id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali (Kuntratti) datata 13 ta' Frar 2026 konfermata fit-totalità tagħha u d-depożitu mħallas mill-appellant jintilef billi l-oġġezzjoni hija waħda vessatorja.

**Avukat Ryan C. Pace**